

# San Ġorġ Martri f'xi Brevjarji Franċiżi - *Dun Ġużepp Gauci*

**Daħla**

Il-Brevjarju hu l-ktieb tat-talb uffiċjali tal-Knisja. Fl-antik, kważi kull Djoċesi u kull Ordni Reliġjuż kien ikollhom il-Brevjarju partikulari tagħhom. Diġà tajt tagħrif dwar il-"Brevjarju" fil-ħarġa ta' dan il-ktieb tal-Festi ta' San Ġorġ tas-sena l-oħra, meta ktibt dwar San Ġorġ fil-Brevjarju ta' Martin ta' Aragon.

F'dan l-artiklu tiegħi għall-Festi ta' din is-sena 2017 qed inkompli dwar il-Brevjarji: naturalment dwar dak li nsibu għal Jum San Ġorġ, it-23 ta' April, f'xi brevjarji antiki ta' djoċesijiet Franċiżi. Dan it-tagħrif għandu jkompli jsaħħaħ fil-qarrejja kollha l-idea importanti dwar x'post kien jingħata l-Qaddis Patrun tagħna fil-Liturġija ta' dawk id-Djoċesijiet.

**Il-Brevjarju ta' Frejus, Franza (1495)**

Id-Djoċesi Kattolika Rumana ta' Frejus-Toulon (bil-Latin: *Foroiuliensis-Tolonensis)* hi Djoċesi Franċiża tar-Rit Latin. Kien fl-1957 li ngħatat dan l-isem. Suffraganja tal-Arċiveskovat ta' Aix, kienet tiġbor fiha d-'dipartiment' kollu ta' Var. Imma ġiet soppressa bil-Konkordat tal-1801, imwaqqfa mill-ġdid b'dak tal-1817, u stabbilita għal kollox fl-1823. Fl-1852 l-Isqof ġie awtorizzat iżomm it-titlu ta' Isqof ta' Frejus u Toulon. Id-Djoċesi ta' llum tiġbor fiha t-territorju tad-djoċesi l-antika ta' Frejus kif ukoll tad-djoċesi l-antika ta' Toulon. Il-Kristjaniżmu jidher li daħal għall-ewwel darba fi Frejus fi żmien l-Imperatur Konstantinu. L-istorja tirrakkonta li fis-sena 374, ċertu Isqof Acceptus, iddikjara ruħu ħati ta' xi atti kriminali biex jeħles mid-dinjità veskovili. Il-Konċilju ta' Valencia talab lill-Knisja ssib Isqof ieħor floku.

Il-Brevjarju ta' din id-Djoċesi, dakinhar ta' Frejus biss, ġie ppubblikat fl-1495 u jiċċelebra Jum San Ġorġ bit-Talba meħuda mis-Sagramentarju ta' San Girgor il-Kbir, Papa u tliet Lezzjonijiet proprji fil-Matutin, kif ġej.

L-ewwel Lezzjoni, *Lectio i,* hi din: *In perside civitate Diospoli. Passio sancti georgii martyris, cuius illustrissimum martyrium, inter coronas martyrum ecclesia venerabiliter honorat. Cum itaque diocletianus cesar in provincia capadocie persequi & excruciatos*

*ikompli f'paġna 107*

*punire cepisset, erat in eadem provincia beatus georgius vir nobilis, ex civitate mellena: quod & diospolis dicitur, tribunatus officium gerens ex numero scilicet illustrorum pugnatorum: quod greco vocabulo anitii, latine autem invicti sive insuperabiles vocantur.*
*Fil-Persja, belt ta' Lidda. Il-Passjoni ta' san Ġorġ Martri, li l-Knisja tqim b'ġieħ il-martirju illustri tiegħu, fost il-kuruni tal-martri. Meta, allura, Dijoklezjanu, imperatur fil-provinċja tal-Kappadoċja, beda jaħqar u jippersegwita lill-insara, kien hemm fl-istess provinċja san Ġorġ, raġel nobbli, mill-belt melitena: li tissejjaħ ukoll Dijospoli, hu kellu wkoll il-kariga ta' tribun, jiġifieri minn dawk is-suldati magħrufin, li bil-grieg jissejħu aniċji, bil-latin magħrufin bħala mhux mirbuħa jew insuperabbli.*

It-tieni Lezzjoni, *Lectio ij,* hi din li ġejja: *Nunc ergo dum rabiem tyranni in christi famulos desevire cerneret: semetipsum quasi ad pugnandum praeparans, omnia sua pauperibus erogavit. Seque christianum fosse publica liberaque voce cepit profiteri. Quo audito dyocletianus ad se illum vocans: cepit blandimentis primum suasoriis eum demulcere, deinde minis terrere, ut a deorum sacrificiis non recederet.*

*Għalhekk, issa li għaraf ir-rabja tat-tirann għad-dixxipli ta' Kristu, (Ġorġi) ħejja lilu nnifsu għat-taqbida billi qassam kulma kellu lill-foqra. B'leħen ħieles beda jistqarr fid-dieher li hu nisrani. Meta Dijoklezjanu sema' b'dan sejjaħlu fejnu: bi kliem persważiv u ħelu, imbagħad bit-theddid, beda jħajru biex ma jiċħadx li joffri sagrifiċċji lill-allat.*

It-tielet Lezzjoni, *Lectio iii,* hi kif ġejja:
*Quem eum nullatenus ab intentione christiana revocare reposset, iussit eum extendi et a quatuor carnificibus crudeliter cedi. Cumque cederetur tanta illi constantia divina gratia tribuit, ut penarum cruciatusque nichilo duceret. Quocum imperator cerneret, precepit ministris ut rota ferrea afferrent, & gladios bis acutos ei infigerent, atque beatum martyrem super eam imponentes, ex alto dimitterent.*
*Billi bl-ebda mod ma seta' jbiddel il-ħsieb nisrani tiegħu (ta' Ġorġi), ordna li jintrabat u jissawwat b'mod krudil minn erba' manigoldi. U waqt li kien jissawwat, il-grazzja divina tant żejnitu bil-kostanza, li bilkemm ħass it-tbatija tas-swat. Meta l-imperatur ra dan, ordna lill-ministri tiegħu biex iġibu r-rota tal-ħadid, biex bi xfafar imsinna għal darbtejn iqattgħuh u, filwaqt li qegħduh fuqha bdew idawruha min-naħa ta' fuq tagħha.*

(Breviarium Foroiuliense: Ed. Petrus Ambrosius: Publ. Jacobino Suigo et Nicolas Benedict, 1495. Originalis ex "Lyon Public Library").

**Il-Brevjarju tad-Djoċesi ta' Limoges, Franza (1736)**
Limoges hi djoċesi tar-Rit Latin tal-Knisja Kattolika fi Franza. Tiġbor fiha d-'dipartimenti' ta' Haute-Vienne u Creuse. Wara l-Konkordat tal-1801, din id-Djoċesi tilfet 24 parroċċa mid-distrett ta' Nontron li ġew mgħaqqda mad-Djoċesi ta' Pèrigueux, u 44 mid-distrett ta' Confolens li ġew mgħaqqda mad-Djoċesi ta' Augoulème: imma sal-1822 kien hemm fiha d-Djoċesi antika ta' Tulle, meta din ġiet

*ikompli f'paġna 108*

rijorganizzata. Sa mill-2002, id-Djoċesi ta' Limoges hi suffraganja tal-Arċidjoċesi ta' Poitiers, wara li ġiet trasferita mill-Arċidjoċesi ta' Bourges.

Fil-Brevjarju ta' Limoges, bil-Latin *Breviarium Lemovicense,* li ġie editjat fl-1736, bl-awtorità tal-Isqof ta' Limoges l-Eċċ. T. Mons. Benjamin De L'Isle Gast u tal-Kapitlu tal-istess Djoċesi, San Ġorġ hu ċċelebrat fit-23 ta' April fi grad *simplex,* u għandu t-tielet Lezzjoni tan-notturn tal-Matutin, proprja. Fiha, naqraw dan li ġej:

*Celebris est apud omnes Ecclesias Sancti Martyris Georgii memoria. Eum Ecclesia orientalis inter praecipuos Martyres jampridem veneratur. Sub illius invocatione dicata fuisse Deo templa, jam a quinto saeculo in pluribus orientis regionibus paret ex multis historiae Ecclesiasticae monumentis. Non minori veneratione celebratur Sanctus Marty apud occidentales jam a saeculo sexto, ut testantur Gregorius magnus in epistolis, & Gregorius Turonensis. Hic in libro de gloria Martyrum haec habet: Multa de Georgio Martyre miracula gesta cognovimus. Cumque ex iis quaedam subdidisset, haec addit: Habentur etiam ejus Reliquiae in vico Coenomanensi, ubi multa plerumque miracula ostenduntur. Nam caeci, claudi, frigoritici, vel reliqui infirmi saepius ibi sanitatum gratia Munerantur.*

*It-Tifkira ta' San Ġorġ Martri hi magħrufa fost kulħadd. Il-Knisja tal-Lvant sa minn dejjem tqimu fost l-aqwa Martri. Kif jidher minn ħafna ġrajjiet tal-istorja tal-Knisja, sa mis-seklu ħamsa ġew iddedikati lil ismu knejjes f'diversi partijiet tal-Lvant. Mhux b'qima inqas il-qaddis Martri hu meqjum fil-Punent diġà mis-seklu sitta, kif jixhed Girgor il-Kbir fl-ittri tiegħu u Girgor ta' Tours. Dan fil-ktieb tal-glorja tal-Martri kiteb hekk: Nafu b'ħafna mirakli mwettqa mill-Martri Ġorġi. U wara li semma xi wħud minnhom, kompla: fir-raħal ta' Le Mans hemm ukoll ir-Relikwi tiegħu, fejn isiru ħafna mirakli ta' kull xorta. Għax l-għomja, iz-zopop, il-magħtubin, u dawk b'kull xorta ta' mard, spiss hemm jissaħħu bil-qawwa tal-grazzja.*

F'dan il-Brevjar insibu wkoll it-Talba proprja: *Deus, qui beatum Georgium corònas gloria Martyrii; da nos, eòdem intercedente, Christi mortui & resurgentis, ita mysteria venerari, ut vitae novitate èadem assequamur. Per Dominum... – O Alla, li ssebbaħ lil San Ġorġ bil-kuruna tal-Martirju: agħtina, nitolbuk, bl-interċessjoni tiegħu, li filwaqt li nqimu lil Kristu fil-misteri tal-mewt u l-qawmien tiegħu, nimxu warajh ukoll lejn ħajja ġdida. Bi Kristu....*

(Breviarium Lemovicense, Illustrissimi ac Reverendissimi in Christo Patris D.D. Benjamini De L'Isle Gast Episcopi Lemovicensis auctoritate, ac Venerabilis Capituli Lemovicensis consensu, Editum. Pars Verna. Lemovicis; Apud Viduam Joannis Barbou, Illustrissimi & Reverendissimi D.D. Episcopi Lemovicensis, ejusque Cleri Typographi. M.DCCXXXVI. Cum privilegio Regis. Originalis ex Bibliothèque jesuite des Fontaines, Lyon Public Library).

**Il-Brevjarju ta' Reims, Franza (1759)**
L-Arċidjoċesi ta' Reims, bil-Latin *Remensis,* hi tar-Rit Latin tal-Knisja Kattolika fi Franza. Twaqqfet bħala Djoċesi madwar is-sena 250 mill-Papa San Sistu, u saret arċidjoċesi madwar is-sena 750. L-Arċisqof ingħata t-titlu ta' "Primat tal-'*Gallia Belgica*'" fl-1089. Fl-1023, l-Arċisqof Ebles kiseb il-Kontija ta' Reims u b'hekk sar Isqof-Prinċep: saret Dukija fl-1060. Is-sede arċiveskovili tinsab fil-Kattidral ta' Notre-Dame de Reims, fejn is-slaten Franċiżi kienu jiġu nkurunati.
San Ġorġ, f'dan il-Brevjar, jinsab fil-*Pars Verna,* fit-23 ta' April, iċċelebrat fi grad *simplex* bit-Talba tas-soltu, meħuda mis-Sagramentarju ta' San Girgor il-Kbir, Papa. Fil-Matutin, insibu t-tielet Lezzjoni tan-Notturn proprja, kif ġej:

*Georgius in Cappadocia natus, inter Orientales Martyres, Magni titulo commendatur; longo etenim & multiplici certamine pro fide, illum claruisse refert, qui ejus Martyriii acta conscripsit, unus ex suis discipulis. In Occidente pariter adeo illustre fuit habitum ipsius Martyrium, ut in illum idcirco sacrae illius reliquiae exportatae, religioseque fuerint asservatae. Pluribus tribunatibus feliciter functus, in persecutione Diocletiana, Christianorum causam egit Georgius, Imperatoremque universis imperii viribus in Religionem armatum aggressus, tantam famae gloriam obtinuisse traditur, ut ipsum propterea Reges in militari conflictu invocare consuetos, atque eumdem propitium nactos fuisse testentur multi gravitate commendati autores. Romana quoque Ecclesia ad expugnandos fidei hostes, tres praecipue invictissimos Martyres ac milites fortissimos, Mauritium, Sebastianum, atque Georgium invocare solet.*

*Ġorġi, imwieled fil-Kappadoċja, hu meqjum fost il-Martri tal-Lvant bit-titlu ta' Kbir; wieħed mid-dixxipli tiegħu li kiteb l-atti tal-Martirju tiegħu jsemmi li hu magħruf għal taqbida twila u ta' bosta suriet, minħabba l-fidi. L-istess fil-Punent, il-Martirju tiegħu kiseb fama kbira, tant li hemm twasslu r-relikwi tiegħu li huma meqjuma kif jixirqilhom. Wettaq diversi ħidmiet fl-eżerċtu b'suċċess; fil-persekuzzjoni ta' Dioklezjanu, Ġorġi ddefenda l-kawża tal-Insara, ħadha bil-qawwa kollha, armat kif kien bil-qawwa tar-Reliġjon, kontra l-Imperatur, jingħad li kiseb glorja kbira għall-fama tiegħu, u minħabba f'hekk is-slaten fil-gwerer tagħhom isejħulu, u ħafna kittieba jsemmu kif ħafna li talbu l-ħarsien tiegħu nħelsu minn sitwazzjonijiet gravi. Il-Knisja ta' Ruma wkoll, biex teħodha kontra l-għedewwa tal-fidi, hi soltu titlob il-ħarsien ta' tliet Martri mill-aktar qawwija u qatt mirbuħa, Mawrizju, Sebastjan u Ġorġi.*

(Breviarium Sanctae Ecclesiae Metropolitanae Remensis, Illustrissimi ac Reverendissimi in Christo Patris, necnon Serenissimi Principis Armandi-Julii De Rohan, Archiepiscopi, Ducis Remensis, primi Franciae Paris, Sanctae Sedis Apostolicae Legati nati, & Galliae Belgicae Primatis auctoritare, atque venerabilis ejusdem Ecclesiae Capituli consensu editum. Pars Verna. Carolopoli, excudebat

*ikompli f'paġna 111*

Petrus Thesin, Typographus & Bibliopola. M.DCC.LIX. Cum privilegio Regis. Originalis ex Lyon Public Library).

**Il-Brevjarju ta' Besancon, Franza (1761)**

L-Arċidjoċesi ta' Besancon, bil-Latin *Archidioecesi Bisuntini,* fi Franza, tiġbor fiha d-dipartimenti ta' Doubs, Haute-Saòne, u d-distrett ta' Belfort. Ftit kienu dawk id-Djoċesijiet tas-Seklu 19 li għaddew minn tibdil territorjali kif għaddiet hi. Anke l-istess ġurisdizzjoni metropolitana tal-Arċidjoċesi għaddiet minn tibdil kbir. Skont leġġendi lokali, l-evanġelizzazzjoni ta' Besancon saret minn S. Ferrèol u S. Ferjeux li ntbagħtu hemm minn S. Irinew, Isqof ta' Lyon (c.125-202). Il-Monasteu ta' Luxeuil imwaqqaf minn S. Kolumbanu (+615), ta lid-Djoċesi ta' Besancon ħafna Qaddisin, bħal S. Ewstasju, S. Valbert, S. Omer, S. Bertin, S. Ingofroid, S. Donatus u S. Ansegisus. Anke fi żminijietna, fl-1979, l-Arċidjoċesi ta' Besancon kompliet titbiddel, billi Belfort, Montbèliard u Haute-Saòne inqatgħu minnha u bdew jiffurmaw id-Djoċesi l-ġdida ta' Belfort-Montbèliard.

Fil-Brevjarju ta' din l-Arċidjoċesi Franċiża, Jum San Ġorġ jinsab fil-*Pars Verna,* fil-jum tat-23 ta' April u hu ċċelebrat fil-grad *simplex.* It-Talba hi dik meħuda mis-Sagramentarju ta' San Girgor il-Kbir, Papa, filwaqt li t-tielet Lezzjoni tan-Notturn tal-Matutin hi proprja u, kif jingħad f'nota li hemm fil-bidu tagħha, hi meħuda *Ex antiq. Martyrol, & var. Auth – minn Martiroloġji antiki u minn diversi awturi.* Fiha naqraw hekk:

*Georgius inter orientales Martyres, Magni titulo commendatus, longo & multiplici certamine claruisse scribitur. Sub ejus nomine insignis basilica ab Imperatoribus christianis ejus tumulo superstructa est, in Palestina Liddam inter & Ramulam: Unde fama ejus propter collatam multis peregrinantibus opem, in occidentem pervasit. Hanc celebrat in Italia Gregorius Magnus in Epistolis; & in Gallia late jam sua aetate percrebuisse memorant Gregorius Turonensis in libro de miraculis, & Venantius Fortunatus in carminibus. Georgium sibi Patronum jam a multo tempore elegit societas nobilium in Comitatu Burgundiae, ejusque Festum quotannis solemniter Vesuntione celebrat. Ġorġi, hu meqjum fost il-Martri tal-Lvant bit-titlu ta' Kbir, u dwaru nkiteb li hu magħruf għal taqbida twila u ta' diversi modi. F'ġieħ ismu nbniet bażilika insinji minn imperaturi nsara fuq il-qabar tiegħu, fil-Palestina bejn Lidda u Ramla: minn hemm il-fama tiegħu waslet fil-Punent minħabba l-ħafna pellegrini li żaru l-post. Dan hu msemmi b'tifħir fl-Italja minn Girgor il-Kbir fl-epistoli tiegħu; u Girgor ta' Tours fil-ktieb tal-mirakli jfakkar li fi Franza, fi żmienu, kibret il-qima lejh, u Venanzju Fortunatu jfakkru fl-innijiet tiegħu. In-nobbli tar-Reġjun ta' Burgundja minn żminijiet antiki ħatruh Patrun tagħhom u Besancon (Vesuntium) kull sena tiċċelebra l-Festa tiegħu bis-solennità kollha.*

(Breviarium Bisuntinum, Eminentissimi et Revermi. Domini D. Antonii-Cleriadi S.R.E. Cardinalis De Choiseum Beaupre, Archiepiscopi Bisuntini, Sacri Romani

*ikompli f'paġna 112*

Imperii Principis, auctoritate editum. Pars Verna. Vesontione, Typis & sumptibus Cl. Jos. Daclin, Eminentissimi D.D. Cardinalis Archiepiscopi, necnon Capituli Bisuntini Typographi & Bibliopolae. Cum Privilegio. M.DCC.LXI. Originalis ex Bavarian State Library).

**Il-Brevjarju ta' Dijon, Franza (1762)**
L-Arċidjoċesi ta' Dijon, bil-Latin *Archidioecesis Divionensis,* hi tar-Rit Latin tal-Knisja Kattolika fi Franza. Is-Sede Arċiveskovili tinsab fil-Kattidral ta' Dijon, fil-qalba tal-belt. Id-Djoċesi tiġbor fiha d-dipartimenti ta' Còte-d'Or, fir-Reġjun ta' Bourgogne. Oriġinarjament imwaqqfa bħala d-Djoċesi ta' Dijon fl-1731 u suffraganja tal-Arċidjoċesi ta' Lyon, id-djoċesi saret arċidjoċesi fl-2002. L-akbar tibdil li sar fiha kien wara l-Konkordat tal-1801, meta magħha ġie miżjud id-dipartiment ta' Haute-Marne. Imma fl-1821, Bulla Papali waqqfet mill-ġdid id-Djoċesi ta' Langres.

Il-Brevjarju ta' Dijon ġie ppubblikat fl-1762, jiġifieri 31 sena wara t-twaqqif tad-Djoċesi. Fil-*Pars Verna* tiegħu, Jum San Ġorġ Martri hu ċċelebrat fit-23 ta' April fi grad ta' *semiduplex.* Fin-notturn tal-Matutin, it-tieni lezzjoni hi proprja, kif tinsab fil-Brevjarju ta' Besancon sal-kelma *carminibus.* Imbagħad hemm din iż-żieda proprja: *Antiquiorem etiam intra Divionensis agri fines nominis ejus venerationem testantur tum coenobium quod apud Larreium juxta Divionem, in ejus honorem extructum olim floruit, tum instituta, & vel ab usque remotissimis temporibus fieri solita solemnis totius Cleri Divionensis supplicatio ad supradictum ejusdem Sancti Martyris coenobium, quae tamen aliam nunc stationem habet. Fi żminijiet aktar antiki, anke fl-inħawi ta' Dijon, jixhdu għall-qima ta' ismu kemm il-monasteru mibni f'ismu f'Larrè qrib Dijon li fl-antik kien magħruf sewwa, kif ukoll xi Istituzzjonijiet oħra, u wkoll sa minn żminijiet imbiegħda, kienet soltu ssir fl-imsemmi monasteru tal-Qaddis Martri, talba solenni mill-Kleru kollu ta' Dijon, li llum ssir f'post ieħor.*

Hemm ukoll it-tielet lezzjoni *de SS. Martyribus,* li hi silta minn *Sermo Sancti Joannis Chrysostomi - priedka ta' San Ġwann Griżostomu dwar il-Martri.*
(Breviarium Divionense, Illustrissimi et Reverendissimi in Christo Patris D.D. Claudii-Marci-Antonii d'Apchc, Divionensis Episcopi, auctoritate, ac venerabilis ejusdem Ecclesiae Capituli consensu editum. Pars Verna. Parisiis, apus Bibliopolas Usuum Parisiensium & Divisionensium. M.DCC.LXII. Cum Privilegio Regis. Originalis ex Universitas Lausanne)

**Il-Brevjarju ta' Mende, Franza (1764)**
Id-Djoċesi ta' Mende, bil-Latin *Dioecesis Mimatensis,* hi tar-rit Latin tal-Knisja Kattolika Rumana fi Franza. Tiġbor fiha d-dipartiment ta' Lozère. Fl-antik kienet suffraganja ta' Bourges, u bil-Konkordat tal-1801 saret suffraganja tal-Arċidjoċesi ta' Lyon. Fis-16 ta' Diċembru 2002, Mende saret suffraganja ta' Montpellier. Is-sede veskovili tinsab fil-Kattidral ta' Mende.

Il-Brevjarju ta' din id-Djoċesi, ippubblikat fl-1764, jiċċelebra Jum San Ġorġ fit-23 ta' April bi grad ta' *Commemoratio,* u fin-Notturn tal-Matutin hemm it-tielet lezzjoni proprja. Din sal-kelma *carminibus* hi bħal dik tal-Arċidjoċesi ta' Besancon. Imbagħad hemm din iż-żieda li ġejja, proprja:
*Antiquiorem etiam intra Parisiorum fines nominis ejus venerationem testantur, tum coenobium, quod apud Calam in ejus honorem extructum a beata Clotilde, sancta Bathildis instauravit; tum consecratae per sanctum Pontificem Germanum ejusdem reliquiae, quas in ara occidentali suburbanae Basilicae sancti Vincentii recondidisse a Gislemaro, in vita sancti Droctovèi, traditur.*

*Jagħtu wkoll xhieda għall-qima aktar antika ta' ismu fl-inħawi ta' Pariġi, kemm il-monasteru li nbena f'ġieħu fir-raħal ta' Cala, minn Santa Klotilde u li ġie restawrat minn Santa Batilde u kkonsagrat mill-Isqof San Ġerman, fejn, skont kif jingħad fil-ħajja ta' Droctovei, l-istess relikwiji tiegħu tqiegħdu fl-artal tan-naħa tal-Punent tal-Bażilika suburbana ta' San Vinċenz, minn Gislemaro.*

(Breviarium Mimatense, Illustrissimi & Reverendissimi in Christo Patris, D.D. Gabrielis-Florentii De Choiseul-Beauprè, Episcopi & Domini Mimatensis, Gabalitanorum Comitis, & c. Auctoritate ac venerabilis ejusdem Ecclesiae Capituli consensu editum. Pars Verna. Parisiis, apud Bibliopolas usuum Parisiensium & Mimatensium. M.DCC.LXIV. Cum privilegio Regis. Originalis ex Oxford University).

**Il-Brevjarju ta' Chalon, Franza (1765)**
Chalon hi djoċesi tar-Rit Latin tal-Knisja Kattolika Rumana fi Franza. Tiġbor fiha d-dipartiment ta' Marne, minbarra Reims. Fil-fatt hi suffraganja tal-Arċidjoċesi ta' Reims. Fl-1802 kienet magħquda mad-Djoċesi ta' Meaux u fl-1821 mal-Arċidjoċesi ta' Reims; ġiet imwaqqfa mill-ġdid fl-1822. Xi leġġendi lokali jirrakkuntaw li Chalon ġiet evanġelizzata minn S. Memmius li ntbagħat hemm minn S. Pietru. Dan S. Memmius kien megħjun minn oħtu Poma u minn S. Donatian u S. Domitian, li evanġelizzaw fl-ewwel seklu. Il-Kattidral kien ikkonsagrat fl-1147 mill-Papa Ewġenju III megħjun minn S. Bernard u tmintax-il Kardinal.

Il-Brevjar ta' din id-Djoċesi ġie ppubblikat fl-1765 u Jum San Ġorġ hu ċċelebrat fit-23 ta' April fi grad *duplex-minus (ritu festivo).* Fin-notturn tal-Matutin hemm it-tieni u t-tielet lezzjoni proprji. It-tieni waħda hi eżattament bħal dik li ltqajna magħha fl-Arċidjoċesi ta' Besancon. It-tielet waħda hi meħuda *Ex libro Sancti Gregorii Turonensis Episcopi, de Gloria Martyrum, Cap.101 – Mill-Ktieb ta' San Girgor ta' Tours, Isqof, dwar il-Glorja tal-Martri, Kap. 101.* Fiha naqraw hekk:

*Multa de Georgio Martyre miracula gesta cognovimus, de quibus pauca locuturus sum: hujus enim reliquiae cum reliquorum Sanctorum a quibusdam ferebantur. Sed*

*ikompli f'paġna 115*

*cum partitores ad locum quemdam Lemovicini termini advenissent, ubi jam pauci clerici, conferto ligneis tabulis oratorio, Dominum assidue precabantur, mansionem postulabant. Susceptique benigne, noctem cum ceteris fratribus psallendo deducunt, mane autem facto apprehensam capsulam levare penitus non valebant. Denique cum iter agere sine pignore sancto nequirent, & eis maximus dolor animi insedisset, intelligunt, inspirante Deo, sibi aliquid ex his in loco relinquere oportère. Tunc inquisitis ligaturis; divisisque particulis seniori qui cellulae praeèrat largiuntur, relinquentes partem patrocinii, sumentes facultatem quo voluerant abeundi. Habentur etiam ejus reliquiae in vico quodam Cenomanensi, ubi multa plerumque miracula ostenduntur.*

*Dwar il-Martri Ġorġi nafu b'ħafna mirakli li saru, li minnhom se nsemmi biss ftit: ir-relikwiji tiegħu flimkien ma' relikwiji ta' qaddisin oħra, inġiebu hawn minn xi ħadd. Imma x'ħin ġew biex jitilqu bihom lejn post ieħor u waslu f'Limoges, fejn diġà kien hemm xi kjeriċi, qiegħdu l-urni msemmija fl-oratorju u talbu lill-Mulej bil-ħeġġa biex isibilhom post fejn iqegħduhom. Ġew milqugħin sewwa u għaddew il-lejl ifaħħru 'l Alla mal-aħwa l-oħra, u meta sebaħ kmieni filgħodu, bilkemm setgħu iqandlu l-urna. Imbagħad billi ma ridux itawlu bla bżonn il-vjaġġ qaddis tagħhom, niket kbir tnissel f'qalbhom, għarfu, imnebbħin minn Alla, li kien meħtieġ iħallu x'uħud minn dawk ir-relikwiji f'dak il-post. Ħallew l-irbit; qasmu l-partikuli l-kbar u ħallew partijiet minnhom hemmhekk u b'hekk waslu għall-possibiltà li jitilqu. Hemm ukoll ir-relikwiji tiegħu f'ċertu raħal ta' Le Mans, fejn isiru ħafna mirakli.*

Dan il-Brevjar fih ukoll Talba proprja għal Jum San Ġorġ:
*Deus, fortitudo certantium, qui beato Georgio martyri tuo, ita militare tribuisti, ut soli regi Christo serviret; fac nos in terris militantes ita certare, ut tibi soli placeamus, & cum ipso coronari mereamur in coelis; Per eundem Dominum nostrum.*

*O Alla, qawwa ta' dawk li jitqabdu, Int għażilt lil san Ġorġ Martri tiegħek, biex jitqabad ħalli jaqdi biss lil Kristu Re; agħmel li aħna nitqabdu hawn fl-art, biex nogħġbu lilek biss, u miegħu nimmeritaw il-kuruna tal-glorja fis-sema. Bl-istess Kristu Sidna.*

(Breviarium Cabillonense, Illustrissimi & Reverendissimi in Christo Patris, D.D. Ludovici-Henrici De Rochefort D'Ally, Episcopi & Comitis Cabillonensis auctoritate, ac venerabilis ejusdem Ecclesiae Capituli consensu editum. Pars Verna. Parisii, sumptibus suis ediderunt Bibliopolae usuum Parisiensium & Cabillionensium. M.DCC.LXV. Cum privilegio Regis. Originalis ex Lyon Public Library).

**Il-Brevjarju ta' Beziers, Franza (1773)**
Id-Djoċesi Kattolika Rumana ta' Beziers, bil-Latin *Dioecesis Biterrensis,* kienet waħda mid-Djoċesijiet ta' Franza u llum tifforma parti mid-Djoċesi ta' Montpellier. Tradizzjonalment, l-ewwel Isqof ta' Beziers kien il-Qaddis Eġizzjan, Aphrodisius li, jingħad, kien laqa' għandu lill-Familja Mqaddsa f'Hermopolis, sar dixxiplu

*ikompli f'paġna 116*

ta' Kristu, u anke sieħeb lil Serġju Pawlu lejn il-Gallja meta dan mar hemm biex iwaqqaf il-Knisja ta' Narbonne. Jingħad ukoll li Aphrodisius miet martri f'Beziers. L-ewwel Isqof magħruf ta' Beziers hu Pawlinu msemmi fl-418. St. Guidard kien Isqof ta' Beziers mill-1121 sal-1123. San Duminku ma riedx isir Isqof ta' Beziers biex jikkumbatti l-ereżija tal-Albiġiżi. Breve Papali tas-16 ta' Ġunju 1877 awtorizzat lill-Isqfijiet ta' Montpellier biex jissejħu Isqfijiet ta' Montpellier, Beziers, Agde, Lodève u Saint-Pons, b'tifkira tad-djoċesijiet differenti li ġew magħqudin fid-Djoċesi ta' Montpellier ta' llum.

Il-Brevjar tad-Djoċesi ta' Beziers kien ippubblikat fl-1773 u fih, Jum San Ġorġ hu ċċelebrat fit-23 ta' April fi grad ta' *duplex,* bit-tieni u t-tielet lezzjonijiet tan-Notturn tal-Matutin, proprji. Filwaqt li t-tielet lezzjoni hi meħuda minn omelija ta' San Atanasju Isqof dwar il-Vanġelu ta' San Ġwann *"Jien id-dielja vera u Missieri hu l-bidwi..."* mill-*Epistola de Sententia Dionysiim,* it-tieni lezzjoni hi dwar San Ġorġ, kif ġej: *Sancti Georgii Martyris cultus in Orientali Ecclesia celeberrimus extitit. Graecorum Menologiis, magnorum Martyrum, ut vocant, numero adscriptus; festum solemniori ritu jubetur nono Kalendas Maii. Plures in iisdem partibus Imperatorum sumptu sub Martyris nomine erectae sunt Basilicae; in Palestina, in Armenia, Constantinopoli imprimis, quarum celebrior in suburbio ejusdem urbis, Mangànes dicta, ingenti populo concursu frequentabatur. Non minori veneratione sanctum Georgium prosecuta est Occidentalis Ecclesia. Romae temporibus Gregorii magni titulo martyris templum dedicatum erat, statione & frequentia populorum insigne. Eàdem aetate in Gallia testimonio sancti Gregorii Turonensis honore precipuo colebatur sanctus Martyr, de quo in libro de gloria Martyrum plura enarrat miracula.*

*Il-kult ta' San Ġorġ Martri kien magħruf ħafna fil-Knisja Orjentali. Fil-Menoloġji tal-Griegi hu mniżżel fost il-Martri l-kbar, kif isejħulu; il-festa tiġi ċċelebrata b'rit solenni fit-23 ta' April. Fl-istess postijiet ħafna Bażiliċi nbnew taħt l-isem tal-Martri fuq inizjattivi tal-Imperaturi: fil-Palestina, fl-Armenja, l-aktar f'Konstantinopli fejn l-aktar magħrufa hi dik qrib il-belt, imsejħa Manganes, u li kienet iffrekwentata minn ħafna popli. Mhux inqas, niltaqgħu mal-qima ta' San Ġorġ fil-Knisja tal-Punent. F'Ruma fi żmien il-Papa Girgor il-Kbir ġie ddedikat tempju lil martri, magħruf bħala stazzjonali u għall-qima tal-popli. Fl-istess żmien fi Franza, b'xhieda ta' San Girgor ta' Tours kien jiġi ċċelebrat b'qima kbira il-kbir Martri: dwaru fil-ktieb tiegħu dwar il-glorja tal-Martri, jirrakkonta ħafna mirakli.*

(Proprium Sanctorum Dioecesis Biterrensis, jussu & auctoritate Illustrissimi ac Reverendissimi D.D. Aymardi-Claudii De Nicolay, Episcopi & Domini Biterrensis, ac ejusdem Ecclesiae Capituli consensu editum. Editio Novissima officiis quibusdam proprii aucta. Biterris, apud Franciscum Barbut, Typogr. Regis, & Illustrissimi Episcopi & Domini Biterrensis. M.DCC.LXXIII. Originalis ex Bibliotheque Jesuite des Fontaines. Lyon Public Library).